



Brussell, 13 ta' April 2018
(OR. en)

7878/18

FIN 304
CADREFIN 26
FC 14
FSTR 14
REGIO 18

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' April 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7377/18
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 1/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) - wasal iż-żmien biex l-assistenza tiġi mmirata aħjar" Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' April 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) - wasal iż-żmien biex l-assistenza tiġi mmirata aħjar", adottati mill-Kunsill fil-3611-il laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' April 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2018
mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:
"Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) -
wasal iż-żmien biex l-assistenza tiġi mmirata aħjar"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni;
- (2) JIRRIKONOXXI r-rwol ta' JASPERS fl-ġħoti ta' assistenza teknika lill-Istati Membri u ta' appoġġ lilhom biex jiksbu l-benefiċċji sħaħ tal-politika ta' koeżjoni tal-UE;
- (3) JIEĦU NOTA tas-sejbiet li ġejjin tal-Qorti, b'mod partikolari:
 - a) Id-dgħufijiet fid-definizzjoni tal-oġġettivi, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet prinċipali ta' JASPERS;
 - b) L-impatt pożittiv ta' JASPERS fuq l-approvazzjoni aktar veloċi ta' proġetti u fuq il-kwalità ġenerali tal-proġetti, filwaqt li ma seta' jintwera ebda impatt fuq l-assorbiment;
 - c) L-isforzi ta' JASPERS biex itejbu l-kapaċità amministrattiva, filwaqt li l-Qorti ma sabet ebda evidenza li tikkonferma jekk fil-fatt immaterjalizzax dan it-titjib fil-kapaċità amministrattiva;
 - d) In-nuqqasijiet fl-attivitajiet ta' ppjanar, monitoraġġ u evalwazzjoni ta' JASPERS;
- (4) JIRRIKONOXXI l-valur miżjud ta' JASPERS u l-impatt tagħha fuq il-fażi ta' tħejjija tal-proġett, l-appoġġ orizzontali riċevut mingħand dawk li jfasslu l-politika skont l-inizjattiva, u JILQA' l-implikazzjonijiet ta' ffrankar tal-ispejjeż tal-involviment ta' JASPERS fl-iżvilupp ta' proġett kif ukoll l-osservazzjoni li l-proġetti assistiti minn JASPERS kienu inqas suxxettibbli għall-iżbalji minn dawk li ma kinux assistiti minnha;

- (5) JIRRIKONOXXI l-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut tal-inizjattiva għall-iżvilupp ta' proġetti ta' kwalità kkofinanzjati mill-UE mill-Istati Membri li bbenefikaw b'mod sinifikanti mill-appoġġ ta' JASPERS; JIKKUNSIDRA, madankollu, li xi elementi tal-inizjattiva jistgħu jirrikjedu mmirar aħjar fil-futur;
- (6) JENFASIZZA li l-Kummissjoni aċċettat parzjalment jew totalment ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni diġà ħadet xi miżuri f'dan ir-rigward, b'mod partikolari billi ttejjeb il-proċessi tal-Eżaminar Indipendenti tal-Kwalità (IQR) u timmitiga r-riskji ta' nuqqas ta' imparzjalità b'rabta mal-funzjonijiet konsultattivi ta' JASPERS;
- (7) JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi involut il-BEI għall-implimentazzjoni b'suċċess tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti; u JAPPELLA lill-BEI biex jikkoopera bis-siġh f'awditi futuri;
- (8) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li jmiss, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex:
- a) issaħħaħ ir-rwol tagħha ta' koordinazzjoni u kontroll fuq JASPERS filwaqt li tiċċara r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati prinċipali biex jissaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà;
 - b) taġġusta l-ippjanar strateġiku ġenerali tagħha tal-operazzjonijiet ta' JASPERS abbażi tal-ħtiġijiet partikolari tal-Istati Membri u skont l-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE;
 - c) tkompli bl-isforzi biex jiżguraw u jżommu l-indipendenza bejn il-proċessi tal-IQR u l-funzjonijiet konsultattivi mwettqa minn JASPERS;
 - d) tintroduċi sistemi komprensivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fl-attivitajiet u l-oġettivi ta' JASPERS;
 - e) tiegħu azzjoni biex tottimizza l-fokus, l-effiċjenza u l-effikaċja ta' JASPERS, filwaqt li tiżgura li l-ispejjeż ta' JASPERS ikunu raġonevoli, li dawn jirriflettu l-ispejjeż reali mġarrba u li jitqabblu mal-outputs u r-riżultati miksuba;

- f) teżamina r-rispons għall-assistenza ta' JASPERS f'oqsma jew setturi tematiċi oħra skont il-ħtiġijiet partikolari tal-Istati Membri filwaqt li żżomm il-fokus fuq proġetti ta' skala kbira;
 - g) tesplora mekkaniżmi biex jiżdied it-trasferiment ta' għarfien espert minn JASPERS lill-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali kkonċernati u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċità amministrattiva fil-livell tal-Istat Membru u dak reġjonali.
-